# LIS-SUR TONIN

Ta' WALLACE Ph. GULIA

Kien ilu ma nafx kemm
lill-messaġġiera jwiddeb
li ma'-pubbliku baħnan
ma jridx jitħallat,
għax għandu x'jagħmel wisq;
u allaħares xi messaġġier
għax nesa, jew għax mistħi jew imġiegħel
minn xi pampalun imdaqdaq
li fil-kurituri jgħajjat daqs ħmar u bħalu jinħaq
li "d-dinja taqa' JEKK LIS-Sur TONIN
ma nkellimx fil-waqt!",
kien daħħallu lil xi ħadd jaqtagħlu
is-safa ta' ħsebijietu għolja
fuq kif l-aħjar il-poplu jgħix u jgħammar
min-nieqa sat-tebut ta' taħt l-irħama;
għax jintiliflek minnu nnifsu,
jibki li ħadd ma jifhmu,
ħadd għalih ma jħenn,
ma jisma' talbu;
kulħadd mir-rispett nieqes,
u ħadd ma jifhem kemm irid iġarrab
uġigħ il-ħlas sakemm il-ħsieb jitwieled
safi għal ġid il-poplu!
li baħnan u nieqes mill-għerf li jdawwal ġenji bħalu,
jintilef fix-xalar ta' nhar ta' Ħadd
bla jifhem
ħadd ieħor kemm jitħabat għalih u jħobbu!

Fis-sikta ta' kamartu
arah lis-Sur Tonin iqalleb
kotba w karti,
megħjun minn sigarett jaħraqlu idu
u kikkra tè li sserraħ
uġigħ il-ħlas tal-ħsieb;
imma meta tasal biex tfeġġ il-lehma
iċċempel il-qanpiena tat-telefon, twerżaq, tgħajjat,
issieħlu għal ma' ġenbha,
tamarlu jħalli kollox, kollox jinsa, karti w kotba,
il-ħsieb imur; il-lehma lura terġa',
bla ħajr il-poplu jibqa'.
Tat-telefon biss is-Sur Tonin qaddej fidil.

Mat-telefon ma jilgħabx:
minn sħabu jwarrab, min-nies u mill-baħnana.
Iżda dik il-qanpiena
tqanqal il-kurżità:
Min jaf min hemm?—
xi ħadd fis-setgħa sew?
xi xagħar qamħet il-lewn?
xi kisra t'għajnejn suwed kbar?
XI HADD LI JISTA' jagħtih tarf għat-taħb|l imgerfex
tal-kobba li għaddewlu biex iħoll?

Bil-ġirja jqum is-Sur Tonin u jwieġeb:
"Is-Sur Tonin hawnhekk", BIL-QIMA KOLLHA:
Lanqas ilsir quddiem in-nerf ta' sidu
ma kien iwieġeb b'dik il-ħlewwa,
il-leħen li jistieden, jagħti x'jifhem:
"Kollox sewwa,
Hawn jien arani,
id-dinja ma taqax,
għax fuq spallejja nżommha".
Filwaqt b'subgħajh it-trab mill-ġlekk itajjar.
u t-tinja tal-qalziet jirranġa.